

PUBLIC SERVICE COMMISSION

# L-GĦASSIES TAL-MERTU U L-EKWITÀ

Diskorsi mill-Konferenza
li fakkret il-65 anniversarju mit-twaqqif
tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

17 ta' Settembru, 2025

Edward Warrington
Editur

# L-GĦASSIES TAL-MERTU U L-EKWITÀ

Diskorsi mill-Konferenza
li fakkret il-65 anniversarju mit-twaqqif
tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

17 ta' Settembru, 2025

Edward Warrington

# Werrej

**Messaġġ miċ-Chairman tal-Kummissjoni .................................................. 4**
*Saviour Cachia*

**Daħla .................................................................................................. 6**
*Myrna Azzopardi Wood*

**Diskors tal-E.T. il-President ta' Malta ........................................................ 8**
*Myriam Spiteri Debono*

**Diskors tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u Kap tas-Servizz Pubbliku ........................................................................................................ 12**
*Tony Sultana*

**Rakkonti mill-Istorja ta' L-Għassies tal-Mertu u l-Ekwità ........................ 15**
*Edward Warrington*

**Diskussjoni — Sinteżi tal-Punti Ewlenin ................................................. 25**
*Moderatur: Myrna Azzopardi Wood*
*Ħadu sehem: Joyce Cassar, Godfrey Pirotta, Christine Schembri*
*Sinteżi: Angele Cilia Degiorgio*

# Messaġġ

*Saviour Cachia*
*Chairman, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku*

Jiena u sħabi Membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku konna ilna ftit bil-ħsieb li nfakkru l-65 sena mit-twaqqif tal-Kummissjoni. Għalkemm mhix l-eqdem istituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u aktarx mhux l-aktar magħrufa min-nies, il-Kummissjoni kienet l-ewwel korp kostituzzjonali awtonomu li twaqqaf f'pajjiżna. Minbarra dan, sa mill-bidu tagħha, il-Kummissjoni ngħatat il-missjoni li tħares il-prinċipji tal-mertu u l-ekwità fil-ħatriet u d-dixxiplina tal-membri tas-Servizz Pubbliku, u b'hekk isseddaq it-tradizzjoni amministrattiva ta' professjonaliżmu, imparzjalità u lealtà.

Għal kważi nofs seklu, il-Kummissjoni wettqet il-missjoni tagħha billi eżerċitat kontroll dirett fuq il-proċeduri, għalkemm adattathom pass pass ma' żviluppi importanti fl-organizzazzjoni u t-tmexxija tas-Servizz Pubbliku. Matul l-aħħar għoxrin sena, b'risq l-istess missjoni, il-Kummissjoni ddelegat is-setgħat eżekuttivi tagħha lill-uffiċjali ewlenin tas-Servizz Pubbliku u minflok bdiet teżamina u tivverifika t-tħaddim tas-setgħat eżekuttivi li għadditilhom. B'hekk, waqt li tħaffu l-proċeduri kif inhu meħtieġ mill-esiġenzi amministrattivi fi żminijietna, il-Kummissjoni tista' tħares il-mertu u l-ekwità b'libertà akbar u b'aktar riżorsi.

Għalhekk, jiena u sħabi ħassejna li l-anniversarju joffri opportunità għal riflessjoni wiesgħa fuq l-istorja tal-Kummissjoni, kif ukoll ħarsa lejn il-ġejjieni fid-dawl tal-istorja. Xtaqna li nisimgħu l-fehmiet kemm ta' min jeżerċita l-awtorità fuq ħatriet u dixxiplina, kif ukoll ta' min jistudja l-Istat Malti. Minn hawn nibtet l-idea li nlaqqgħu l-konferenza li saret fis-17 ta' Settembru.

L-E.T. il-President ta' Malta mhux biss onorat il-Kummissjoni billi indirizzat il-konferenza, iżda laqgħetna fis-Sala tat-Tron fil-Palazz, il-Belt, sala marbuta intimament mal-istorja tal-Istat għal aktar minn erba' sekli.

F'isem il-Kummissjoni, inrodd ħajr lill-E.T. il-President ta' Malta, lis-Sur Tony Sultana, Segretarju Permanenti Ewlieni u Kap tas-Servizz Pubbliku, lis-Segretarji Permanenti u lid-Diretturi tar-Riżorsi Umani li ħadu sehem fil-konferenza. Insellem lill-eks Membri u Segretarji Eżekuttivi tal-Kummissjoni li ngħaqdu magħna dakinhar, u li qdew il-missjoni kollettiva tagħhom b'tant dedikazzjoni u ħila matul l-aħħar ħamsa u sittin sena. Minn qalbi, inrodd ħajr lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, Dr Myrna Azzopardi Wood, tal-organizzazzjoni impekkabbli tal-konferenza, u lill-impjegati kollha fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni tax-xogħol li jwettqu f'isem il-Kummissjoni.

Il-konferenza kienet xhieda ħajja ta' wieħed mill-akbar valuri li tħaddan il-Kummissjoni—il-kolleġġjalità. Hija l-kolleġġjalità li ssaħħaħ l-integrità, il-validità u l-kredibbiltà tad-deċiżjonijiet li tieħu l-Kummissjoni. Aħna nagħmlu ħilitna wkoll biex inrawmu spirtu ta' rispett reċiproku fir-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-Servizz Pubbliku; huwa fl-interess taż-żewġ istituzzjonijiet li jitħarsu l-prinċipji tal-mertu u l-ekwità, għall-ġid ta' kull uffiċjal pubbliku, u b'risq l-amministrazzjoni pubblika ta' pajjiżna—amministrazzjoni li taspira li ssir dejjem aktar effiċjenti, imparzjali, ġusta, f'waqtha, adattabbli u effettiva.



DOI Kian Bugeja

# Daħla

*Myrna Azzopardi Wood*
*Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku*

Fis-17 ta' Settembru 2025, l-Uffiċċju tal-President ta' Malta u Heritage Malta ġentilment ospitaw fis-Sala tat-Tron tal-Palazz, il-Belt, il-konferenza li fakkret il-65 anniversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bħala korp kostituzzjonali awtonomu. Il-Kummissjoni laqgħet bi pjaċir lill-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta, lis-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Tony Sultana, lis-Segretarji Permanenti, lid-Diretturi tar-Riżorsi Umani fil-ministeri tas-Servizz Pubbliku, kif ukoll għadd sabiħ ta' eks Membri u Segretarji Eżekuttivi tal-Kummissjoni.

Il-konferenza kellha għanijiet varji. L-ewwel nett, tat ħarsa lejn l-istorja rikka tal-Kummissjoni; għarblet kif u għaliex twaqqfet, liema sfidi tfaċċaw u kif żviluppat matul il-ħamsa u sittin sena tal-istorja tagħha.

It-tieni għan kien li, flimkien, f'atmosfera ta' smigħ, riflessjoni u skambju ta' esperjenzi, il-Kummissjoni u d-diriġenti tas-Servizz Pubbliku jħarsu lejn il-ġejjieni tal-Kummissjoni, fid-dawl ta' sfidi u ħtiġijiet ġodda fl-amministrazzjoni pubblika. Il-missjoni mogħtija mill-Kostituzzjoni tinkariga l-Kummissjoni biex tassigura l-prinċipji ta' meritokrazija, trasparenza u ġustizzja. L-impenn tal-membri tagħha u, fl-aħħar snin, tal-istaff amministrattiv tawha rwol attiv u ħaj f'deċiżjonijiet li jiffurmaw is-Servizz Pubbliku.

L-aħħar għan kien li nfakkru u nagħtu ġieħ lill-eks Membri, eks Segretarji Eżekuttivi u membri rtirati tal-istaff tal-Kummissjoni: kienu l-ħila, l-integrità u l-impenn tagħhom li kisbu r-rispett u l-ġieħ li tgawdi din l-istituzzjoni.

Il-konferenza bdiet b'diskors tal-E.T. in-Nutar Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta. Warajha tkellem is-Sur Tony Sultana, Segretarju Permanenti Ewlieni u Kap tas-Servizz Pubbliku. Il-Prof. Edward Warrington, li qiegħed jirriċerka l-istorja tal-Kummissjoni, irrakkonta fil-qosor in-nisġa ta' kwistjonijiet, għażliet, inizjattivi u riżultati li jimmarkaw l-istorja tagħha.

Wara t-tliet diskorsi, jien mexxejt diskussjoni bejn tliet esperti—il-Prof. Godfrey Pirotta, li kiteb l-istorja tas-Servizz Pubbliku matul is-seklu dsatax u l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, Dr Joyce Cassar, Segretarju Permanenti tal-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u s-Sinjura Christine Schembri, li għadha kemm inħatret Membru tal-Kummissjoni. Kien hemm ukoll ftit ħin biex nisimgħu lil dawk li ħadu sehem fil-konferenza.

Is-Sur Cachia, Chairman tal-Kummissjoni, għalaq il-konferenza li ntemmet b'riċeviment fil-Palazz stess.

# Diskors tal-ftuħ tal-konferenza

*Myriam Spiteri Debono*
*President ta' Malta*

Qegħdin nikkommemoraw illum il-ħamsa u sittin (65) anniversarju minn meta tnediet il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Il-metodu kif tinħatar il-Kummissjoni, l-irwol u l-funzjoni rakkomandattiva u dixxiplinarja, huma kostituzzjonalment irregolati taħt Kapitolu X tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-kapitolu ddedikat lis-Servizz Pubbliku.

Ma' Kapitolu X tal-Kostituzzjoni għandu importanza wkoll l-Artikolu 3 tal-leġiżlazzjoni sussidjarja għall-kostituzzjoni (KOST 0.1), l-Avviż Legali tal-2015 intitolat *Regolamenti Ġenerali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku*.

Dan l-Artikolu 3, is-subartikoli (a) u (b), jittratta l-linji gwida tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u fl-istess waqt, jitfa' l-lenti fuq l-għanijiet prinċipali tagħha.

L-Artikolu 3, subartikolu (a), jiddikjara illi l-Kummissjoni, "tfittex li żżomm standard għoli, ta' kompetenza, effiċjenza u integrità fis-Servizz Pubbliku, u (b) tħares il-prinċipji tal-ġustizzja, ekwità, mertu, ugwaljanza ta' opportunitajiet, imparzjalità u libertà minn diskriminazzjoni, patroċinju jew favoritiżmu." Niggarantilkom li taqta' nifsek tgħidhom waħda wara l-oħra, tant fihom piż.

Il-Kummissjoni tifforma parti minn kategorija ta' istituzzjonijiet li flimkien, fi Stat demokratiku, iħarsu kwalità għolja ta' governanza u kontabilità. Magħhom hemm kummissjonijiet oħra, kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman, u l-Awditur Ġenerali, fost l-oħrajn. Flimkien, dawn jiffurmaw parti minn dik is-sistema, li fit-trattati kostituzzjonali, tissejjaħ is-sistema ta' checks and balances.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku evolviet ħafna tul dawn il-ħamsa u sittin sena. Evolviet, u kellha tevolvi, pari passu ma' tibdiliet li gvernijiet diversi għamlu fl-organizzazzjoni tas-Servizz Pubbliku, tibdil li rriżulta wkoll f'tibdil fil-liġijiet.

Fil-fatt, illum, dak li qabel kien jissejjaħ "iċ-Ċivil", qed nirreferu għalih bħala s-Servizz Pubbliku, u din ma kinitx biss bidla fl-isem. Minn "Ċivil" li waħda mill-karatteristiċi ewlenin tiegħu kien illi jkun 'il fuq mill-arena politika, għaddejna għall-kunċett ta' organizzazzjoni li għandha timmira għal servizz totali għall-pubbliku.

Is-Servizz Pubbliku hu d-driegħ tat-twettiq tal-policies tal-Eżekuttiv, jiġifieri tal-Gvern, skont il-programm li l-poplu jkun eleġġieh fuqu. Fid-doveri tas-Servizz Pubbliku, insibu li r-responsabbiltà primarja li għandu hija l-implimentazzjoni tal-policies li joħorġu mill-Eżekuttiv, mill-Gvern tal-ġurnata, li l-maġġoranza tal-poplu tkun għażlet il-programm elettorali tiegħu. Għalhekk, wieħed jifhem hawnhekk, li ċerti tibdiliet li seħħew fl-amministrazzjoni pubblika, l-aktar wara l-Indipendenza u, b'mod speċjali, f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, huma frott tar-responsabbiltà li l-Gvern tal-ġurnata għandu lejn il-poplu li eleġġieh, sabiex iwettaq il-programm li ġie elett fuqu.

Is-snin sittinijiet sat-tmeninijiet tas-seklu għoxrin, raw żvilupp ekonomiku u soċjali mgħaġġel u ambizzjuż, li kien jirrikjedi mhux biss strutturi ġodda, ħafna drabi *ad hoc*, iżda wkoll strutturi li bihom ikun hemm aktar flessibilità u effiċjenza. U dan għaliex, fl-andament tal-pajjiż, mas-soċjali u l-ekonomiku, daħal ukoll l-internazzjonali u l-kummerċjali, issa li t-tmexxija ta' pajjiżna kienet kollha f'idejna.

Nirreferi għat-Tarzna, f'dak iż-żmien, ukoll l-Air Malta u s-Sea Malta, it-telekomunikazzjoni, l-enerġija, apparti organizzazzjonijiet ta' statura kważi istituzzjonali nazzjonali, bħal pereżempju, il-Bank Ċentrali ta' Malta. Dawn ma baqgħux jaqgħu, la mill-qrib u lanqas mill-bogħod, taħt il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

It-tibdil biex jinżamm il-momentum ta' progress fil-pajjiż seta' kien ir-raġunament wara r-rakkomandazzjoni tal-*Public Service Reform Commission* (1988–1989), li rrakkomandat li s-setgħa li kellha l-Kummissjoni dwar ħatriet fis-Servizz Pubbliku, tgħaddi f'idejn il-kapijiet tad-dipartimenti, u li l-kapijiet jinħatru fuq bażi kuntrattwali. Il-ħsieb kien illi, xħin tiżvesti ruħha minn ċerta setgħa li kellha u tgħaddiha f'idejn il-kapijiet tad-dipartimenti, il-Kummissjoni ssir korp ta' sorveljanza tal-eżerċizzju ta' dik l-awtorità jew setgħa li qabel kienet f'idejha, u li issa tkun ġiet delegata minnha lill-kapijiet tad-dipartimenti.

Difatti, hawnhekk niltaqgħu ma' bidla sostanzjali fil-funzjoni tal-PSC minn kif kienet bdiet u żvolġiet bħala relikwa minn żmien il-ħakma kolonjali Brittanika. Dawn il-bidliet kien hemm żmien li fl-interpretazzjoni qajmu ċerti problemi peress illi wieħed ikollu jinnota, li hemm fil fin, irqiq, bejn fejn għandu jibda u jispiċċa l-patronaġġ politiku, anke jekk imsejjes fuq il-kunċett politiku filosofiku tal-poplu sovran, deskritt aktar 'il fuq, u l-fiduċja li l-politiċi fl-eżekuttiv għandhom ikollhom fin-nies l-eqreb lejhom, u l-kunċetti tat-tħaddim ta' mertu u ekwità.

Naħseb li wieħed għandu jaċċenna, ukoll jekk ma jidħolx profondament f'din il-materja, għad-differenza bejn is-sistema ta' Public Service Commission (PSC) li Malta, bħal pajjiżi oħra tal-Commonwealth, wirtet mill-ħakma kolonjali Brittanika, u s-sistema kontinentali, partikolarment dik Franċiża, fejn għandek dawk li jissejħu *grands corps de l'État*, li joffru u jirregolaw huma stess il-karrieri speċjalizzati fil-karigi għoljin tas-Servizz Pubbliku. L-ogħla korp huwa l-*Conseil d'État*. Dan hu korp ġudizzjarju, qorti amministrattiva speċjali, b'rikors u sorveljanza ta' operat tal-amministrazzjoni eżekuttiva, li għandu s-setgħa jiddikjara nulli azzjonijiet u regolamenti, u saħansitra jiddikjara jekk liġi hix konformi mal-obbligi li tassumi Franza permezz ta' trattati

internazzjonali. Fil-qosor, it-tradizzjoni u l-prattika amministrattiva ta' Malta huma sostanzjalment diversi minn dawk tal-pajjiżi kontinentali Ewropej, fejn il-liġi amministrattiva hija aktar elaborata u mħarsa minn tribunali li jgawdu minn setgħat kbar. B'kuntrast ma' dan, id-deċiżjonijiet tal-PSC mhumiex pubbliċi; l-iskop tal-PSC ma jkoprix eżami jew, f'ċerti każi, annullament tal-operat tal-Istat, li hemm inklużi fil-kompetenza tal-korpi ġudizzjarji kontinentali.

Il-Public Service Commission, fl-operat tagħha, l-awtonomija li għandha hija awtonomija bi skop primarjament pragmatiku li tirregola l-proċeduri tagħha, u tasal għal deċiżjonijiet b'modi aktar sempliċi li jwasslu għal teħid tad-deċiżjonijiet b'aktar veloċità. Oltre dan, fejn jidħol l-element pragmatiku, wieħed għandu wkoll isemmi illi maż-żmien, proċeduri quddiem il-Kummissjoni ġew riveduti b'tali mod illi jkunu aktar prattiċi, u fl-istess waqt aktar umani u empatiċi fejn jidħol sospensjoni u tkeċċija. Dan ma jkunx jista' jsir bil-qrati, għax il-qrati mal-liġijiet jimxu.

Kummissjonijiet dwar is-Servizz Pubbliku, anke jekk jissejħu indipendenti, din l-indipendenza tagħhom tiddependi minn ħafna fatturi, l-aktar mill-klima demokratika tal-pajjiż li għandu din is-sistema ta' Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Dan jinftiehem sew meta wieħed mill-funzjonijiet ta' kummissjoni ta' din ix-xorta huwa li l-ingaġġ ta' ħaddiema u promozzjonijiet isiru fuq bażi ta' mertu. Kummissjonijiet bħal dawn għandhom ukoll skop dixxiplinarju, iżda fuq kollox huma mistennija jipprevjenu n-nepotiżmu u l-korruzzjoni fl-għoti ta' ħatriet u promozzjonijiet.

Ukoll, il-mod kif inhuma maħtura, ħafna drabi jagħmilhom dgħajfa fejn jidħol il-konfront mal-Eżekuttiv, u għalkemm f'ċerti każi dawn il-kummissjonijiet ikunu responsabbli, pereżempju lejn il-Parlament jew lejn il-Kostituzzjoni, dawn il-kummissjonijiet, qatt ma għandhom il-forza u l-piż ta' kontabbilità li jinstabu f'sistema ġudizzjarja fejn għandek ukoll appelli mid-deċiżjonijiet, mhux l-anqas għaliex garanziji taż-żamma fil-kariga tal-membri tagħhom humaa dgħajfa immens biex ma ngħidux kważi ineżistenti.

Oltre dan, f'dan ir-rigward, ukoll meta wieħed jirreferi għall-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, wieħed jinnota li l-qrati <u>ma għandhomx</u> ġuriżdizzjoni biss fi tliet ċirkostanzi. L-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

Il-kwistjoni jekk:

- Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni;
- xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra jkunx qeda validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, uffiċjal pubbliku jew awtorità bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 110 ta'din il-Kostituzzjoni; jew
- xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra jkunx qeda validament xi funzjoni oħra dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."

Fi ftit kliem, din mhix immunità assoluta mill-iskrutinju tal-qrati.

Żgur, illi fl-operat tagħha, biex tasal għad-deċiżjonijiet, il-PSC trid tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u l-proċeduri jridu jkunu fidili lejn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

F'nuqqasijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, l-individwu għandu triq miftuħa biex jappella lill-Qorti Kostituzzjonali. Difatti, f'ċertu perjodu, wieħed kien jiltaqa' ma' numru konsiderevoli ta' kawżi fejn individwi kienu jappellaw lill-qrati fuq allegazzjonijiet li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma tkunx tathom smigħ xieraq.

Wieħed ikollu jirrimarka, illi s-suġġett tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, huwa wiesa' u profond; żgur ma jistax jiġi eżawrit kif jixraqlu fl-introduzzjoni li ġejt mitluba nagħmel dalgħodu għal din l-okkażjoni.

Qabel ma jkompli l-eżerċizzju ta' dalgħodu, f'isem il-Presidenza, nirringrazzja lill-membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u napprezza l-impenn tagħhom li daħlu biex jerfgħu din ir-responsabbiltà.

# Diskors

*Tony Sultana*
*Segretarju Permanenti Ewlieni u Kap tas-Servizz Pubbliku*

## Introduzzjoni

Ħamsa u sittin sena ilu twaqqfet il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, li nbniet b'mandat u fuq il-prinċipju li s-Servizz Pubbliku għandu jkun immexxi bil-valuri ta' kompetenza, ta' ekwità u ta' integrità.

Dak li kien jgħodd għal ħamsa u sittin sena ilu, għadu kruċjali għal-lum.

Matul iż-żmien, il-Kummissjoni kompliet taġġorna, tadatta, u timxi 'l quddiem. Matul iż-żmien introduċiet:

- Sistemi ta' monitoraġġ aktar b'saħħithom.
- Proċeduri aktar ċari, u riformi li jassiguraw ġustizzja.
- Riformi biex tiddelega aktar setgħat lis-Servizz Pubbliku.

Dan ix-xogħol mhux faċli; hu delikat u skrutinjat minn diversi bnadi.

Dan kollu sar grazzi għall-impenn u l-kuraġġ tal-Kummissjoni matul il-mixja kollha, u grazzi għal kull min kien parti mill-Kummissjoni tul is-snin.

Bla ebda dubju, għamiltu—u qegħdin tagħmlu—ġieħ lill-Kummissjoni nnifisha, lis-Servizz Pubbliku u lill-pubbliku inġenerali kollu.

## Realtà aktar kumplessa

Imma llum qed ngħixu f'realtà aktar kumplessa: l-aspettattivi dejjem jiżdiedu f'dinja li qed tinġarr mit-teknoloġija. Qegħdin f'realtà fejn is-Servizz Pubbliku qed jevolvi b'pass mgħaġġel, u fejn irridu nkunu aktar dinamiċi biex inkunu aktar viċin in-nies; realtà ta' aktar sfidi, aktar pressjoni ta' xogħol, aktar deċiżjonijiet fuq operat aktar kumpless. U 'deċiżjonijiet tajbin u malajr' ifisser aktar xogħol għall-Kummissjoni!

## L-għan tal-lum

Għalhekk, filwaqt li hu tajjeb li niċċelebraw dawn is-snin kollha, l-għan tal-lum ma għandux ikun sempliċiment tifkira ta' meta bdejna, imma punt ta' partenza biex inkomplu nbiddlu għar-realtà l-ġdida.

Irridu naraw kif nistgħu naħdmu aħjar bejnietna, u kif insaħħu r-rispett reċiproku bejnietna. Nagħmlu hekk, għall-impenn lejn l-uffiċjali pubbliċi, għaliex kull deċiżjoni taffettwa l-ħajja u l-karriera tal-uffiċjali pubbliċi. Għandna niftakru li l-Kummissjoni tmiss il-karriera tal-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku: il-ħatriet, promozzjonijiet, dixxiplina, kif ukoll tkeċċija.

## Diskussjoni ħajja

Għalhekk nemmen li llum għandha tkun diskussjoni aktar kurrenti, aktar ħajja, aktar relatata u relevanti għar-realtà tal-lum.

Ejja nistaqsu:

- Hemm burokrazija żejda li nistgħu neliminaw mingħajr ma nikkompromettu l-prinċipji?
- Hemm elementi fil-liġijiet li jirrigwardjaw il-Kummissjoni u s-Servizz Pubbliku, li għandhom jiġu rranġati biex jirriflettu aħjar id-dinja tal-lum?

L-*istatus quo* hu komdu… imma aħna nafu aħjar!

- Kif nistgħu nagħmlu r-reklutaġġ aktar attraenti għaż-żgħażagħ?
- Kif nistgħu noffru karrieri aħjar għall-uffiċjali pubbliċi?
- Kif nistgħu ndaħħlu aktar elementi ta' proċessi diġitali?
- Kif nistgħu ntejbu l-effiċjenza fid-dinja mgħaġġla tal-lum?

L-istatus quo hu komdu… imma aħna nafu aħjar!

## Rispett

Importanti li f'dak li se jintqal tul dawn id-diskussjonijiet, irridu npoġġu quddiemna l-akbar prinċipju—ir-rispett. Irridu nirrispettaw l-indipendenza u l-awtonomija tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tibqa' imparzjali u professjonali. Irridu nirrispettaw l-integrità ta' dawk li jmexxu l-Uffiċċju tal-Kummissjoni, uffiċjali pubbliċi li għandhom diversi snin ta' esperjenza. Irridu nirrispettaw ir-reżiljenza tal-Kummissjoni.

## Konklużjoni

Għalhekk ejja nieħdu akkont ta' dak li ntqal u ta' dak li se jintqal mill-kelliema tal-lum; ejja nifhmu u nixtarru kull punt, kull rakkomandazzjoni.

Fejn hemm xi ntejbu, kemm fil-Kummissjoni u kemm fis-Servizz Pubbliku, għandna nkunu kuraġġużi li nbiddluh li ntejbuh. Nemmen li jekk nagħmlu hekk inkunu qed insaħħu l-Kummissjoni, inkunu qed insaħħu s-Servizz Pubbliku. Nemmen li jekk insaħħu s-Servizz Pubbliku, inkunu qed nirrispettaw dawk l-uffiċjali li qed jaqdu.

# Rakkonti mill-Istorja tal-Kustodju tal-Prinċipji tal-Mertu u l-Ekwità

*Edward Warrington*

Aħna l-Maltin naħtfu okkażjoni biex infakkru xi ġrajja fl-istorja tal-ibliet, il-knejjes, il-kumpaniji u l-għaqdiet tagħna. Permezz tal-ħames festi nazzjonali, l-Istat ifakkar il-ġrajjiet li sawru lil Malta u lill-Maltin. Fl-2024, Malta fakkret sittin sena mill-Indipendenza, nofs seklu bħala Repubblika, u għoxrin sena sħubija fl-Unjoni Ewropea. Istituzzjonijiet nazzjonali, bħall-Korp tal-Pulizija, ukoll ifakkru t-twaqqif tagħhom. Kull anniversarju jgħallimna dwar xi karatteristika tal-Istat jew l-istituzzjoni; ifakkarna f'xi valur politiku jew kostituzzjonali; iħeġġiġna ngħożżu xi virtù ċiviku; jew iwissina kontra xi periklu għad-demokrazija kostituzzjonali ta' pajjiżna. Hekk ukoll l-anniversarju tat-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bħala korp kostituzzjonali awtonomu fl-1960.

## Kuntest

L-ebda storja ma trodd it-tagħlimiet tagħha fin-nuqqas ta' referenza għall-kuntest. Għalhekk, nibda bil-kuntest tal-istorja tal-Kummissjoni matul 87 sena, li jikkonsisti f'erba' elementi:

- L-ewwel, **l-Istat f'Malta**, li żviluppa b'pass mgħaġġel u ma jaqtax minn wara l-Ewwel Gwerra Dinjija sal-lum.
- It-tieni, l-iżvilupp tal-Istat seħħ bis-saħħa ta' **sistema politika** kompetittiva, li ħadmet qatigħ għall-ġid tal-Maltin, imma nisslet ukoll partiġġjaniżmu akkanit, li kemm-il darba wassal għal kriżijiet kostituzzjonali u dgħajjef il-leġittimità tal-Istat.
- It-tielet, l-ambizzjonijiet tal-mexxejja u tal-poplu għal żvilupp qawwi u mgħaġġel ħolqu sfidi kbar għall-**amministrazzjoni pubblika**.
- Ir-raba', dawn il-forzi u l-isforzi sawru **l-istorja tal-Kummissjoni**, l-għamla, il-missjoni u l-operat tagħha.

## L-istorja tal-Kummissjoni f'ħames stadji

L-istorja tmur lura għas-sajf tal-1938, meta twieldet l-ewwel Kummissjoni, li mbagħad intemmet fl-1959; il-Kummissjoni kif nafuha llum twieldet mill-ġdid fis-sajf tal-1960. Tul dawn is-sebgħa u tmenin sena, il-Kummissjoni għaddiet minn ħames stadji ta' żvilupp. Ngħid kelmtejn dwar kull stadju.

## L-ewwel stadju, 1938–1946: L-ewwel kriżi tal-Istat kolonjali

Nistedinkom tmorru lura fl-immaġinazzjoni għar-rebbiegħa tal-1938, fil-Palazz, il-Belt, il-qalba tal-Istat kolonjali. Il-Logutenent Gvernatur ta' Malta, Sir Harry Luke, kien inkwetat doppjament: għal ommu, pjanista Awstrijaka, għaliex il-Ġermanja Nażista kienet għadha kif ħatfet l-Awstrija; u għal Malta, li kien iħobb, billi għaraf li riesqa gwerra oħra. Għalhekk, bħala kap tal-amministrazzjoni ċivili, kien beda jħejji għat-taqbida. Diġà, sena qabel, Sir Harry kien ħaseb biex joħloq korp ta' amministraturi high flyers għal dan il-għan, imma l-Malta Civil Service Association (MSCA), li kienet tirrappreżenta l-gradi klerikali magħrufin bħala Higher Division, oġġezzjonat bil-qawwa u tħassru l-pjanijiet, ukoll għaliex l-Uffiċċju tal-Kolonji, Londra, kien tal-fehma li xi materji amministrattivi saru aktar urġenti. Minflok, nibtet l-idea li titwaqqaf Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliċi li kellha ssaħħaħ l-organizzazzjoni amministrattiva, kif ukoll tagħżel il-kandidati għall-karigi importanti skont il-prinċipju tal-mertu. Kif kiteb is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Kolonji lil Sir Harry: "The Commission is the guarantor of quality and the guardian of merit."[1]

Sadattant, wasal Malta Segretarju Legali[2] ġdid, Sir Edward Jackson, fis-sajf. Peress li Sir Harry laħaq inħatar Gvernatur ta' Fiji, Jackson waqqaf Kummissjoni skont il-mudell ta' Ceylon, il-kolonja mnejn kien ġej; il-Kummissjoni ħadet post Promotions Board li kien twaqqaf xi snin qabel. F'Marzu tal-1939, il-Kummissjoni saret korp kostituzzjonali, għalkemm mingħajr awtonomija u setgħat eżekuttivi. Il-membri tagħha kienu kollha uffiċjali anzjani taċ-ċivil, Ingliżi u Maltin; minn Marzu 1939, il-maġġoranza tal-membri kienu Maltin. Ftit nafu dettalji dwar ix-xogħol li wettqet, imma mid-dokumenti li fadal, jidher li kellha sehem fl-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni ċivili waqt il-gwerra, kif ukoll fl-ewwel fażi tal-qawmien ta' Malta mit-tifrik tal-bombi. Madankollu, l-MCSA ma kinitx kuntenta bil-Kummissjoni, għaliex, skont l-Assoċjazzjoni, il-konsultazzjoni bejn amministrazzjoni u assoċjazzjoni kienet fqira.[3]

Meta jitwieżnu l-fatti, f'dan l-istadju l-Kummissjoni għenet lill-Istat kolonjali jegħleb l-isfida tal-għadu barrani billi saħħet l-amministrazzjoni ċivili, għalkemm ma rebħitx il-fiduċja sħiħa tal-impjegati tal-gvern u r-rappreżentati tagħhom.

## It-tieni stadju, 1947–1959: Pajjiżna jinbena mill-ġdid

Il-Kummissjoni ma baqgħetx korp kostituzzjonali meta reġa' beda jseħħ is-Self Government fl-1947; l-Assemblea Nazzjonali, li ddiskutiet l-arranġamenti kostituzzjonali ta' wara l-gwerra, ma ridithiex, filwaqt li l-MCSA ma dehritx akkanita li titwaqqaf mill-ġdid il-PSC. Madankollu, il-Kummissjoni baqgħet tiffunzjona bħala kumitat amministrattiv, bi tliet membri permanenti u żewġ membri

[1] Shuckburgh to Luke, 24 March 1938 (Establishment of a Public Service Commission and Whitley Council Machinery in Malta), LGO 513/38.

[2] Fis-sistema kolonjali Ingliża, il-kariga ta' Legal Secretary kienet tixbah 'il dik ta' ministru għall-ġustizzja, għalkemm min jinħatar kien ikun membru tal-Colonial Legal Service.

[3] Memorandum by the Malta Civil Service Association for submission to the Rt. Hon. the Secretary of State for the Colonies, 4 December 1942, LGO 513/38.

supplimentari, ilkoll Maltin, ilkoll uffiċjali għoljin fis-Servizz Pubbliku, fosthom l-Avukat Ġenerali, Louis Galea, it-Teżorier, Edgar Cuschieri, is-Segretarju Uffiċjali, Carmelo Thake, u l-Kontrollur tad-Dwana. L-Avviż għall-Istampa numru 9/47 ħabbar il-Kummissjoni u elenka l-funzjonijiet tagħha. Bdiet tgħaddi l-pariri lill-Kap tal-gvern elett jew, fl-assenza tal-gvern elett, lill-Gvernatur.

F'dawk is-snin, twaqqfu s-servizzi soċjali li għadna ngawdu sal-lum: l-edukazzjoni għat-tfal kollha, aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa, djar diċenti, sigurtà u għajnuna soċjali. Nibtet viżjoni ġdida għall-ġejjieni—l-Integration u bdew l-adattamenti ta' politika u amministrazzjoni biex din isseħħ. Kiber b'rata mgħaġġla l-għadd ta' impjegati mal-gvern, u magħhom issaħħu t-trade unions

Il-Kummissjoni ħadmet l-aktar fuq il-ħatriet u d-dixxiplina ta' amministrazzjoni ċivili dejjem aktar mifruxa, kumplessa, dinamika, speċjalizzata. Każ wara l-ieħor, il-Kummissjoni fformolat, adattat u applikat definizzjoni fattibbli tal-prinċipju tal-mertu. Għall-ewwel, l-MCSA ma kinitx kuntenta, tant li l-Prim Ministru Boffa talabha, "To give the Commission a fair trial."[4] Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni bdiet tikkonsulta mal-MCSA skont il-ħtieġa. Fil-bidu tal-1948, pereżempju, kien meħtieġ li jinħatar suċċessur għall-Awditur: fis-6 ta' Frar, il-Kummissjoni laqgħet lis-Segretarju Ġenerali tal-MCSA u ftiehmet miegħu li, "Seniority, though given its due weight, should not be the sole determining factor."[5] Bis-saħħa ta' dik il-kjarifika, il-Kummissjoni rrakkomandat lis-Sur Edward Fiorini Lowell għall-kariga, u baqgħet tapplika dik l-interpretazzjoni tal-piż li għandu jingħata lis-seniority minn dakinhar 'il quddiem.

F'Lulju tal-istess sena, il-Kummissjoni, il-Postmaster General u l-Ministru għall-Industrija ma qablux fuq l-għażla ta' kandidat għal kariga speċjalizzata fil-Posta. Il-Kummissjoni ddikjarat hekk dwar il-kandidat li rrakkomandat hi, imma li l-Postmaster General u l-Ministru ma ridux jaħtru:

> "The Commission feel it to be their clear duty to emphasize that the fact that Mr A Sammut has shown himself to be particularly proficient in the Parcels Branch of the GPO is no reason for denying him any promotion to a different branch to which he may be entitled by seniority and efficiency, and that the holding back from promotion of an officer because he cannot easily be replaced… would appear to place efficiency at a discount and, against all principles, to penalise it."[6]

F'dak iż-żmien, il-Kummissjoni mhux biss qieset u ddefendiet il-merti tal-kandidati;kellha sehem ukoll fit-tfassil ta' skemi ta' reklutaġġ fl-oqsma speċjalizzati li bdew jitfaċċaw. Setgħet tagħmel dan għaliex is-Segretarju tagħha kien ukoll il-kap ta' uffiċċju ġdid, l-Establishments Office, li twaqqaf biex jamministra r-riżorsi umani taċ-ċivil. Peress li l-membri tagħha kienu d-diriġenti tas-Servizz

---

[4] Minutes of the Public Services Commission, 23 January 1948.
[5] Minutes of the Public Services Commission, 6 February 1948.
[6] Minutes of the Public Services Commission, 16 July 1948.

Pubbliku, il-Kummissjoni kienet effettivament il-bord maniġerjali, b'missjoni strateġika, mhux biss amministrattiva. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Kummissjoni kien li jissaħħaħ il-Higher Division: l-istrateġija li għażlet ma kinitx li jinħoloq korp ta' high flyers, imma li jitqiegħed il-pedament permezz ta' reklutaġġ ta' żgħażagħ fil-gradi klerikali li jkollhom edukazzjoni tajba u li juru potenzjal bħala mexxejja.[7]

Kultant qalgħet kritika qawwija fil-gazzetti, tant li f'Mejju 1950 talbet lill-Gvern biex jipproteġiha. Indirettament, ġarrbet kritika esperta wkoll, bħal meta, fl-1957, il-Kummissjoni hekk imsejħa Arton Wilson, li kienet tqabbdet biex tistħarreġ il-qagħda amministrattiva, iddikjarat li ċ-Ċivil Malti kien "top heavy".[8] Fl-istess sena, meta l-Ministru tal-Industrija talab lill-Kummissjoni tirrevedi r-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-ħatra ta' Senior Officer fid-Dwana, din insistiet li jinħatar il-kandidat li għażlet hi.[9] Bl-istess qawwa, wara l-kriżi kostituzzjonali ta' April/Mejju 1958, il-Kummissjoni ddefendiet lil xi uffiċjali li l-Gvern kolonjali ried jikkastiga għaliex kienu nħatru mill-Gvern Malti li kien għadu kemm intemm.[10]

Wieħed jistagħġeb li l-Kummissjoni qatt ma waslet biex tabbozza regolamenti tagħha; ħadmet bir-Regolamenti Kolonjali u bil-ġurisprudenza li nbniet każ każ. Ħalliet bħala wirt mhux qafas legali, imma Servizz Pubbliku mmodernizzat, żagħżugħ, kapaċi u koerenti, kif ukoll ġabra ta' deċiżjonijiet li taw il-ħajja lill-prinċipju tal-mertu. Dan it-tieni stadju tal-istorja tal-Kummissjoni ntemm bl-Emerġenza tal-1958–59, li ħabbret il-mewt tal-Istat kolonjali. Il-Kummissjoni wkoll intemmet, għalkemm twieldet Kummissjoni ġdida fis-sajf tal-1960, dik li nafu llum.

## It-tielet stadju, 1960–1987: Il-bini ta' Stat sovran, demokratiku u kostituzzjonali, maħsub għal żvilupp soċjoekonomiku ambizzjuż

Għalkemm fl-1959, Malta reġgħet lura għall-hekk imsejjaħ direct rule, minnufih bdew it-tħejjijiet biex issir ekonomikament vijabbli u jkollha amministrazzjoni professjonali kapaċi tmexxi l-iżvilupp soċjoekonomiku. Beda jseħħ l-ewwel pjan ta' żvilupp. Espert Ingliż, Thomas Elwood, eks Direttur tal-Establishments fis-Servizz Pubbliku tal-Irlanda ta' Fuq, tqabbad biex jeżamina bir-reqqa l-amministrazzjoni pubblika f'Malta u kostituzzjoni ġdida ħasbet għat-twaqqif ta' Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku awtonoma, għalkemm, minħabba dubji u kwistjonijiet dwar il-valur tal-Kummissjoni, għaddiet kważi sena qabel ma twaqqfet. Fis-sena 1960, minbarra li bdiet taħdem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, twaqqfet ukoll Kummissjoni dwar is-Servizz Ġudizzjarju li kellha għomor qasir.

[7] Ara, pereżempju, il-minuti tas-seduta tal-Kummissjoni, 13 ta' Jannar 1950.
[8] Minutes of the Public Services Commission, 22 April 1957.
[9] Minutes of the Public Services Commission, 29 July 1957.
[10] Ara, pereżempju, il-minuti tas-seduta tal-Kummissjoni, 3 ta' Settembru 1958

Fl-1962, kostituzzjoni ġdida oħra—l-hekk imsejħa Blood Constitution—iddikjarat lil Malta bħala Stat, immexxi minn gvern wieħed (mhux żewġ gvernijiet, is-sistema dijarkika li nafu bħala self government), għalkemm mhux għalkollox sovran. Minn dakinhar 'il quddiem, naraw il-bini, ġebla ġebla, ta' Stat ċentralizzat, sovran, kostituzzjonali u demokratiku, Stat b'ambizzjonijiet għoljin għall-poplu Malti, u ambizzjonijiet daqstant għoljin fil-kamp internazzjonali. Stat bħal dan jissejjaħ "developmental state" li hu orjentat għalkollox lejn l-iżvilupp soċjoekonomiku.

Fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta u tar-Renju Unit, bejn l-1959 u l-1964, il-Kummissjoni tissemma f'żewġ oqsma distinti: il-qasam tan-negozjati kostituzzjonali u l-qasam amministrattiv. Is-Society of Administrative and Executive Civil Servants (SAECS), li kienet inħolqot xi snin qabel biex tirrappreżenta lill-Higher Division, nediet kampanja qawwija biex titħares l-awtonomija professjonali u n-newtralità politika tas-Servizz Pubbliku permezz ta' kummissjoni b'saħħitha. Iż-żewġ esperjenzi ta' Self Government kienu naqqsu l-fiduċja taċ-Ċivil fil-politiċi, filwaqt li l-Emerġenza kienet naqqset il-fiduċja tal-politiċi fil-lealtà taċ-Ċivil. Il-Gvern Ingliż qata' x-xewqa tas-SAECS bit-twaqqif tal-Kummissjoni fl-1960. Qabbad espert ieħor Ingliż, L. H. Gorsuch, bħala Chairman; dan kellu esperjenza kbira fit-tħejjija amministrattiva tal-kolonji Ingliżi fl-Afrika qabel ma ħadu l-Indipendenza. Kien hu li kiteb l-ewwel regolamenti tal-Kummissjoni.

Il-Kostituzzjoni tal-1962 ipprovdiet garanziji għall-awtonomija tas-Servizz Pubbliku kif ukoll tal-Knisja Kattolika, iż-żewġ istituzzjonijiet li l-aktar li kellhom għalfejn jitħassbu dwar il-ġejjieni tagħhom fi Stat Malti sovran u demokratiku. Fil-fatt, hekk kif reġa' nħatar gvern Malti, f'Marzu tal-1962, il-ħatriet tal-Kummissarju tal-Pulizija, tas-Segretarji Permanenti u tal-kapijiet tad-dipartiment tneħħew minn idejn il-Kummissjoni, biex il-Prim Ministru jkollu diskrezzjoni wiesgħa fuq l-għażla tal-kandidati.

Minkejja ċ-ċentralizzazzjoni governattiva, l-amministrazzjoni pubblika ma baqgħetx f'idejn is-Servizz Pubbliku waħdu. Sena wara l-oħra, twaqqfu korpi oħra, uħud regolatorji, bħall-Bank Ċentrali; oħrajn biex jipprovdu servizzi muniċipali, bħat-Telemalta; u oħrajn azjendi statali b'għan ekonomiku strateġiku, bħall-Air Malta. Il-Kummissjoni ma ngħatatx ġuriżdizzjoni fuq il-korpi l-ġodda. Mill-banda l-oħra, id-delegi dwar ħatriet u dixxiplina, li għamlet il-Kummissjoni tul is-snin sittin, ma baqgħux applikabbli lejn nofs is-snin sebgħin. Għalhekk, xogħolha żdied b'rata mgħaġġla; l-awtorità tagħha bdiet tinħass f'kull kariga tas-Servizz Pubbliku. Fil-qasam tas-saħħa, il-ġuriżdizzjoni tal-Kummissjoni kienet ikkontestata minn korp statutorju ieħor, l-Advisory and Executive Board, li kien twaqqaf fl-1959.

Fl-1972, gvern ġdid, bi pjanijiet kbar għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta' Malta, waqqaf kumitat biex jistudja d-dixxiplina. Ir-rapport wassal għal regolamenti ġodda, bil-għan mhux biss li tissaħħaħ id-dixxiplina, imma wkoll li jitħaffu l-proċeduri. Twaqqaf Bord tad-Dixxiplina biex b'hekk il-Kummissjoni ma tibqax fl-istess waqt investigatur u mħallef.

Mill-minuti tal-Kummissjoni joħorġu xbihat affaxxinanti tas-Servizz Pubbliku fl-ewwel ħamsa u għoxrin sena wara l-Indipendenza. Naqraw dwar id-diffikultajiet kbar biex jinstab Direttur għall-

Ħabs, u l-isfidi għaż-żamma tad-dixxiplina fost il-gwardjani. Nistgħu nsegwu l-iżvilupp tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija, minn istituzzjoni għalkollox dipendenti fuq letturi barranin, sakemm l-edukazzjoni għolja forniet kandidati Maltin għal dak ix-xogħol. Insiru xhieda, saħansitra, tal-piki bejn it-tobba speċjalisti Maltin fuq ħatriet fl-oqsma varji tal-Isptar San Luqa. Mill-każijiet tad-dixxiplina ta' azjendi statali bħall-Milk Marketing Undertaking, il-Biċċerija u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, napprezzaw aktar l-isfidi maniġerjali li ħabbtu wiċċhom magħhom il-kapijiet tad-dipartimenti, fosthom l-għodod kultant primittivi ta' kontroll, superviżjoni, komunikazzjoni u żamma tar-rekords, l-iskarsezza ta' taħriġ u ta' ħaddiema tas-sengħa, kif ukoll l-iskarsezza ta' fondi pubbliċi għall-attrezzatura u l-manutenzjoni tal-postijiet mnejn taħdem l-amministrazzjoni.

Il-Kummissjoni wkoll sabet xi jfixkilha. Kienet imxekkla b'xi difetti fid-disinn istituzzjonali tagħha. Għalkemm kellha setgħat eżekuttivi, ma kellhiex f'idejha l-informazzjoni meħtieġa biex tagħmel għażliet meqjusa; kienet tiddependi għalkollox fuq it-Taqsima tal-Establishments, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif ukoll fuq il-professjonaliżmu tal-membri tal-bordijiet tal-għażla, li mhux dejjem ħarsu l-prinċipju tal-mertu. Minbarra dan, fin-negozjati kostituzzjonali li seħħew wara Marzu 1962, il-Prim Ministru Borg Olivier insista li l-Kummissjoni tgħaddi l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru, mhux lill-Kap tal-Istat, kif inhi l-prattika ġenerali madwar il-Commonwealth, u hekk għadha teżiġi l-Kostituzzjoni. Mill-1962 'il quddiem, kemm-il darba l-Kummissjoni sabet ruħha tirreżisti talbiet jew indħil ministerjali mhux f'lokhom; wara kollox, dik hija parti intrinsika mill-missjoni tagħha.

Fil-qosor, f'dak il-kwart ta' seklu bejn l-1962 u l-1987 seħħew bosta żviluppi amministrattivi, fosthom management reviews fis-snin sittin, riorganizzazzjoni tal-gradi, salarji u kundizzjonijiet tal-impjieg fis-sebgħinijiet, it-twaqqif tal-Government Computer Centre fil-bidu tas-snin tmenin, u r-reklutaġġ ta' bosta gradwati fil-gradi amministrattivi, permezz tal-iskema student-ħaddiem. Il-Kummissjoni ma kinitx fil-qalba tal-ippjanar ta' dawn l-iżviluppi, imma ħadet sehem fit-twettiq tagħhom. Mill-karti li rajt, wasalt għall-konklużjoni li kienet għassies leali u tenaċi tal-prinċipji tal-mertu u l-ekwità.

Fis-snin tmenin, madwar id-dinja bdew jidhru l-limitazzjonijiet tal-Istat li ssawwar biex imexxi l-iżvilupp soċjoekonomiku. F'Malta wkoll qamu dubji dwar l-effiċjenza ta' azjendi statali; qamu kwistjonijiet dwar l-aħjar funzjoni ta' ministru—jekk hux it-tfassil ta' politika u strateġija, inkella l-kontroll dirett ta' proċessi amministrattivi. Tilwim industrijali fit-tul, fl-oqsma tas-saħħa u tal-edukazzjoni, wera s-saħħa tat-trade unions li jirrappreżentaw il-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku. Bejn l-1981 u l-1987 it-tensjoni politika qawwija affettwat il-moral tal-amministrazzjoni pubblika. Irtiraw bosta uffiċjali ta' ħila.

Bħalma ġara madwar il-Commonwealth, f'pajjiżna qamu ideat ġodda dwar il-funzjoni u l-għamla tal-Istat, tal-amministrazzjoni pubblika u, naturalment, tal-Kummissjonijiet dwar is-Servizz Pubbliku. Barra minn xtutna, il-Kummissjoni-omm—jiġifieri s-Civil Service Commission tar-Renju Unit—sabet ruħha fil-mira tal-Prim Ministru Thatcher. Għalhekk bdiet era ġdida fl-istorja tal-Istat, tal-amministrazzjoni pubblika u tal-Kummissjoni.

## Ir-raba' stadju, 1988–2004: Żmien tranżitorju

F'Malta, id-diskors dwar l-Istat u l-amministrazzjoni pubblika sar akkanit mill-ħarifa tal-1989 meta l-Gvern ippubblika l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar Riforma fis-Servizz Pubbliku (PSRC) li kienet twaqqfet f'Mejju tal-1988. Kienet ipproponiet li l-awtorità fuq reklutaġġ, promozzjonijiet u dixxiplina tingħata f'idejn il-kapijiet tad-dipartimenti; irrakkomandat ukoll li fil-gradi għoljin tas-Servizz Pubbliku, il-ħatriet isiru kuntrattwali. Ta' min jgħid li l-membri tal-Kummissjoni ma qablux kollha mal-proposti. Daqstant ieħor inqasmet l-opinjoni ġenerali fost l-impjegati tal-gvern u l-poplu.

Fl-1990 bdew jitwettqu wħud mir-rakkomandazzjonijiet. Kull programm ta' riforma jsib ftit jew wisq reżistenza; f'dal-każ, kien hemm reżistenza mill-Ministeru tal-Finanzi għall-proposti dwar l-awtorità għall-użu ta' fondi pubbliċi, u mill-PSC għall-proposti dwar l-awtorità fuq ħatriet u dixxiplina. Għalhekk, bejn l-1992 u l-1994, inħatru membri ġodda tal-Kummissjoni; iċ-Chairman, il-Prof. Edwin Borg Costanzi, li qabel kien iċ-Chairman tal-PSRC; u jien, li qabel kont is-segretarju tal-PSRC. Billi konna l-awturi tar-riformi proposti, il-Gvern stenna li nħaffu l-adozzjoni tar-riformi. Iżda l-Kummissjoni dehrilha li kienet meħtieġa l-prudenza; konna mħassbin għaliex dak iż-żmien, il-funzjoni ta' human resource management fid-dipartimenti ma kinitx b'saħħitha, u bżajna li ma tiflaħx tħares il-prinċipji tal-mertu u l-ekwità.

Nistqarr magħkom li kien żmien iebes għall-Kummissjoni, li bdiet titqies bħala xkiel għall-modernizzazzjoni amministrattiva. Niftakar kritika iebsa waqt seduta parlamentari; niftakar it-tensjoni f'laqgħat mal-Kap tas-Servizz Pubbliku u esperti barranin. Il-Kummissjoni ħejjiet abbozz ta' regolamenti ġodda dwar id-dixxiplina u ppproponiethom bħala proġett pilota, biex tara kif titħaddem l-awtorità delegata. Iżda l-Gvern tilef il-paċenzja u f'Mejju tal-1996 bidel għalkollox il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni. Ir-regolamenti li abbozzajna baqgħu abbozz. Kien biss fl-1999 li ġew fis-seħħ regolamenti ġodda tal-proċedura dixxiplinarja.

Dak iż-żmien, l-amministrazzjoni pubblika kienet għalkollox impenjata bit-tħejjijiet għas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dehret qisha anakroniżmu kolonjali f'amministrazzjoni kollha ħeġġa biex iġġedded istituzzjonijiet, policies, proċeduri u prattika skont l-istandards mitluba mill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, ħa ngħid kelma dwar ir-rwol tal-PSC f'dawk is-snin ta' aġġornament tal-Istat Malti.

Bejn l-1988 u l-2004, waqt li baqgħet taqdi l-funzjonijiet 'klassiċi' ta' Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-PSC assumiet ukoll karattru u funzjoni li l-istudjużi jsejħu 'conservator'. Fil-qosor, istituzzjonijiet ta' din ix-xorta jżewġu x-xogħol ta' kustodju (bħal f'mużew) ma' dak ta' restawratur, li jreġġa' xi ħaġa prezzjuża għall-istat oriġinali tagħha. Hekk ukoll il-Kummissjoni, permezz tar-reżistenza għall-proposti ta' delega sħiħa, inkondizzjonata u immedjata, affermat ir-rwol kostituzzjonali tagħha bħala kustodju tal-mertu u l-ekwità. Imma fl-istess waqt, bi prudenza kbira, appoġġat l-iżvilupp ta' sistemi maniġerjali li setgħu jonoraw iż-żewġ prinċipji, li huma parti mill-pedament ta' governanza tajba kif inhi mfissra fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

## Il-ħames stadju, 2005–2025: Tradizzjoni u aġġornament—għamla tradizzjonali, funzjoni aġġornata

Wara li ġew fis-seħħ ir-regolamenti dixxiplinarji tal-1999, b'pass meqjus, il-Kummissjoni bdiet tiddelega setgħat partikolari lis-Segretarji Permanenti u lill-kapijiet tad-dipartimenti. Ġew fis-seħħ regolamenti ġodda dwar is-setgħat u l-proċeduri tal-Kummissjoni, dwar il-ħatriet u d-dixxiplina, minflok ir-regolamenti oriġinali tal-1960 u l-1961. Sas-sena 2015, il-Kummissjoni kienet iddelegat tista' tgħid is-setgħat eżekuttivi kollha, għalkemm, permezz ta' bidla fil-Kostituzzjoni, fl-2021 reġgħet kisbet rwol determinanti fil-ħatriet ta' Segretarji Permanenti.

Minflok is-setgħat eżekuttivi, il-Kummissjoni kisbet setgħat ġodda ta' sorveljanza u stħarriġ, waqt li żammet id-dritt li tisma' appelli minn deċiżjonijiet dwar ħatriet u dixxiplina. Ma baqgħetx 'service commission' fis-sens klassiku tal-kelma; minflok daħlet f'kategorija relattivament ġdida ta' istituzzjonijiet li jħarsu l-integrità fil-ħajja pubblika u li huma magħrufin mill-istudjużi bħala 'integrity institutions'. Fost dawn insibu l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, l-Ombudsman, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u l-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni. Kull korp li semmejt hu l-kustodju ta' prinċipju fundamentali fit-tmexxija ta' repubblika kostituzzjonali u demokratika. Għall-kuntrarju ta' korpi eżekuttivi jew regolatorji, l-istituzzjonijiet li jħarsu l-integrità josservaw ix-xogħol tal-aġenziji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, igawdu minn setgħat investigattivi qawwijin, jilqgħu u jistħarrġu lmenti jew akkużi serji, u jaħdmu aktar billi joffru rimedji permezz tal-persważjoni u l-kelma t-tajba milli permezz ta' pieni. Bil-mod il-mod qiegħda tinbena r-raba' fergħa tal-Istat—dik tal-istituzzjonijiet li jħarsu l-integrità. Għaliex?

Fis-seklu 21, il-missjoni ewlenija tal-Istat hi li jippromwovi ekonomija ħielsa u soċjetà liberali li jifilħu jikkompetu f'dinja dejjem aktar dinamika u instabbli; dan insejħulu the Competition State. Fl-istess waqt, iżda, l-Istat qiegħed jiffaċċja sfidi ambjentali, demografiċi, teknoloġiċi u soċjali li huma ħafna aktar kumplessi minn qatt qabel, tant li l-ebda Stat m'għandu l-ħila jindirizzahom waħdu. Minħabba f'hekk, dawn l-isfidi jissejħu 'wicked problems'. Fid-dawl ta' dan kollu, kull stat jeħtieġ amministrazzjoni pubblika li kapaċi twieġeb b'ħeffa, b'intelliġenza u b'għaqal kbir għal opportunitajiet ekonomiċi, jew ċirkostanzi ġodda, inkella kriżijiet u problemi gravi. Kibret bil-bosta l-ħtieġa tal-kreattività u l-ispirtu intraprenditorjali fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika. Għalhekk, daqstant ieħor kiber il-valur tal-prinċipji tal-mertu u tal-ekwità, għalkemm huma meħtieġa mezzi ġodda biex jitħarsu. Għaldaqstant, il-kustodju tal-mertu u l-ekwità—il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku—kellu jbiddel il-karattru, il-funzjoni u l-mezzi kif spjegajt qabel.

## Xi konklużjonijiet

X'nisiltu mill-istorja tal-Kummissjoni? Twassalna l-ewwel nett għal konklużjonijiet importanti dwar il-Kummissjoni nnifisha.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku twieldet fi żmien meta l-Istat kien ħafna anqas sofistikat milli hu llum; kien żmien, ukoll, meta uffiċjali amministrattivi kellhom setgħa akbar minn dik tal-politiċi. Fuq medda ta' kważi disgħin sena, iż-żewġ Kummissjonijiet għenu biex isaħħu s-Servizz Pubbliku waqt perjodi determinanti fil-ħajja tal-poplu u tal-Istat: waqt it-Tieni Gwerra Dinjija; quddiem għażliet strateġiċi kbar—l-Integration, l-Indipendenza, in-newtralità, u s-sħubija fl-Unjoni Ewropea; fil-bini ta' ekonomija vijabbli u soċjetà liberali; kultant f'waqtiet ta' inkwiet politiku jew kriżijiet kostituzzjonali.

Għandna għalfejn nammiraw il-lealtà tal-Kummissjoni għall-missjoni afdata mill-Kostituzzjoni. Irnexxielha żżomm bilanċ fin, kultant kontra kurrenti qawwijin, bejn il-ħarsien tat-tradizzjoni amministrattiva Maltija u l-adattamenti ta' perspettiva u rwol li jitolbu ċ-ċirkostanzi u ż-żminijiet. Kien għalhekk li l-Kummissjoni eżekuttiva li twaqqfet fl-1960 libset il-mantell ta' conservator bejn l-1988 u l-2004, sakemm illum libset mantell ieħor, dak ta' integrity institution.

Kemm mill-esperjenza tiegħi bħala l-iżgħar membru li qatt kellha l-Kummissjoni, kif ukoll mix-xhieda tal-arkivji, napprezza d-dedikazzjoni u, kultant, is-sagrifiċċju u l-kuraġġ morali tal-membri tal-Kummissjoni, kif ukoll ta' dawk li ħadmu jew jaħdmu fl-uffiċċju tagħha. Il-Kummissjoni dejjem kienet bieżla, onesta, dedikata u prattika. Meta insistiet fuq id-drittijiet u l-awtorità tagħha, insistiet biex tħares prinċipji fundamentali tal-governanza kif ukoll id-drittijiet tal-uffiċjali.

Mhux kollox ward u żahar. Fl-istorja twila tagħha, il-Kummissjoni rarament ingħatat dak li kien meħtieġ biex taqdi dmirha kif xtaqet, fosthom staff għas-segretarjat, stima pubblika, u kooperazzjoni fix-xogħol ta' kuljum. Min-naħa tagħha, għal għexieren ta' snin, il-Kummissjoni ma apprezzatx biżżejjed il-ħtieġa li tibni relazzjonijiet b'saħħithom mad-dipartimenti u l-ministeri. Fl-ewwel tletin sena, lanqas ma fehmet il-ħtieġa li twieżen il-kunfidenzjalità mat-trasparenza; kienet taqla' inqas kritika kieku kienet aktar trasparenti. Lanqas ma ħasbet fil-fond dwar ir-relevanza u l-effettività tal-mezzi li jintużaw għar-reklutaġġ u l-promozzjonijiet.

Fl-aħħar nett, il-qafas istituzzjonali tal-Kummissjoni jbati minn xi anomaliji, kif spjegajt qabel. Kienet anomalija li l-Kummissjoni ngħatat setgħat eżekuttivi kif ukoll dawk ta' tribunal. Fid-dawl tal-karattru attwali li għandha—dik ta' integrity institution—il-garanziji għall-awtonomija tagħha huma dgħajfa. Għalhekk, nistaqsi jekk wasalx iż-żmien li l-Kummissjoni tingħata l-istess trattament fir-rigward tal-ħatriet tal-membri, iż-żmien fil-kariga, l-awtonomija finanzjarja u dik amministrattiva li għandu l-Awditur Ġenerali.

Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-mertu u l-ekwità, nistaqsi wkoll jekk il-ġuriżdizzjoni tal-Kummissjoni għandhiex titwessa' biex tkopri l-awtoritajiet, aġenziji u korpi oħra li mhumiex parti mis-Servizz Pubbliku. Il-fatt li l-Parlament jiskrutinja n-nomina tal-kapijiet ta' wħud minn dawn il-korpi jagħtini x'nifhem li l-prinċipji tal-mertu u l-ekwità għandhom jitħaddmu fihom bħalma jitħaddmu fis-Servizz Pubbliku.

L-istorja tal-Kummissjoni tiftaħ perspettiva ġdida fuq l-istorja tas-Servizz Pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika f'Malta. Jidhru ċari ħafna l-istadji ewlenin ta' żvilupp amministrattiv wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Nifhmu aħjar l-isfidi professjonali u politiċi li nqalgħu fit-tranżizzjoni bejn gvern immexxi minn uffiċjali amministrattivi għal gvern elett demokratikament. Naraw l-effett tal-karattri, il-ħiliet, il-fehmiet u r-rieda ta' għexieren ta' eluf ta' uffiċjali pubbliċi fuq pajjiżna u ġensna. Kull għażla, kull azzjoni tħaddan fiha l-ħajjiet ta' nies tad-demm u l-laħam. Jispikkaw fl-istorja tal-Kummissjoni s-sehem u l-valur li għandhom il-filosofija u t-tradizzjoni amministrattiva.

U la semmejna l-filosofija u t-tradizzjoni, ta' min iħares lejn l-affreski li jżejnu lis-Sala tat-Tron fil-Palazz, il-Belt.

L-affreski l-kbar jirrakkontaw il-ġrajja tal-Assedju l-Kbir. Bis-saħħa tar-rebħa fuq l-Imperu Ottoman, il-Kavallieri rnexxielhom joħolqu Stat fil-gżejjer tagħna: stat dinamiku, vijabbli, adattabbli u stabbli, li ħa forom varji skont iż-żminijiet u li issa ilu jeżisti għal erba' mija, disgħa u ħamsin sena.

Bejn l-affreski l-kbar jidhru l-figuri diskreti u eleganti tal-virtujiet ċiviċi: il-ġustizzja, wieqfa fuq it-Tron, il-prudenza, il-qawwa, il-qies, is-sentimenti nobbli, is-sabar, il-perseveranza, ir-rettezza u l-fama. Jirrappreżentaw l-aspirazzjoni aħħarija tal-Istat Malti; jistiednu lil kull min jinħatar f'kariga pubblika biex iħaddimhom; jesprimu l-istennija u d-dritt ta' kull ċittadin. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tixrob minn din l-għajn tal-governanza tajba, kif tixhed l-istqarrija tal-missjoni tagħha:

> "To ensure, through ongoing monitoring and scrutiny, the provision of excellent public services in a delegated environment, through an efficient public appointment process which upholds the principles of merit and equity, and the exercise of just and efficient disciplinary procedures in the Public Service."

Il-Kummissjoni u s-Servizz Pubbliku huma sħab fit-tmexxija amministrattiva ta' Malta: għandhom missjoni differenti imma għan wieħed; iħaddnu l-istess valuri u virtujiet. Għalhekk, f'din is-sena kommemorattiva, fil-kenn ta' din is-sala storika, insellem lil kull min kellu sehem fl-istorja konġunta tagħkom: l-ewwel nett lill-membri tal-Kummissjoni, ħajjin u mejtin, u lil kull min ħadem jew jaħdem fl-uffiċċju tagħha; lill-kapijiet tas-Servizz Pubbliku tal-lum u tal-imgħoddi, u lil kull min jaħdem fil-qasam tar-riżorsi umani.

# Diskussjoni—Sinteżi tal-Punti Ewlenin

*Moderatur: Myrna Azzopardi Wood*
*Ħadu sehem: Joyce Cassar, Godfrey Pirotta, Christine Schembri*
*Noti u Sinteżi: Angele Cilia Degiorgio*

Wara d-diskorsi tal-bidu, il-konferenza għaddiet għal diskussjoni aktar wiesgħa. Dr Myrna Azzopardi Wood mexxiet panel ta' tliet kelliema esperti: Dr Joyce Cassar, Segretarja Permanenti inkarigata mill-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru; il-Prof. Godfrey Pirotta, studjuż tal-Amministrazzjoni Pubblika f'Malta; u s-Sinjura Christine Schembri, Membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Lejn it-tmiem tal-panel, Dr Azzopardi Wood fetħet id-diskussjoni għall-mistednin kollha.

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-punti ewlenin li tqajmu fid-diskussjoni, mingħajr ma jsemmi jew jikkwota kelliema partikolari; kummenti ta' natura personali tħallew barra. Is-sinteżi nbniet madwar il-mistoqsijiet li ttrattaw il-membri tal-panel.

## L-effetti tal-istorja fuq ir-realtajiet tal-lum

Bħalma għamlu l-kelliema fl-ewwel parti tal-konferenza, il-membri tal-panel bdew id-diskussjoni bi skambju ta' ħsibijiet dwar l-effetti dejjiema tal-preżenza tal-Kummissjoni fl-istorja amministrattiva ta' pajjiżna. L-istorja tas-Servizz Pubbliku ta' Malta tixhed il-prominenza tal-mertu u l-ekwità fil-ħsieb kemm tal-esperti li rrappurtaw fuq iċ-Ċivil matul kważi mitejn sena, kif ukoll, u b'daqstant urġenza, fost l-aspirazzjonijiet tal-impjegati u t-talbiet u n-negozjati tar-rappreżentanti tagħhom.

Min-nofs is-seklu dsatax, li r-reklutaġġ u l-promozzjonijiet isiru skont kriterji ċari ta' mertu, u li ssir ġustizzja fil-ħatriet u fid-dixxiplina, kienu temi ewlenin u appelli urġenti f'kull programm ta' riforma amministrattiva f'Malta. Ittieħdu bosta inizjattivi biex dan iseħħ. Għal diversi raġunijiet, l-ebda waħda minnhom ma kienet għalkollox issodisfat l-aspirazzjonijiet tal-impjegati u tal-esperti. Minħabba f'hekk, kull ftit snin, reġgħet tqajmet il-kwistjoni u kien isir tibdil fis-sistema ta' ħatriet u dixxiplina.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija l-aktar innovazzjoni li rnexxiet. Minn żmien għal ieħor, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-kapijiet tas-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni fasslet regolamenti u proċeduri bil-għan li tiċċara t-tifsira u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-mertu u l-ekwità. L-iskrutinju tal-Kummissjoni serva biex jiżdiedu ċ-ċarezza tal-kriterji għall-għażla tal-kandidati, il-konsistenza fl-applikazzjoni tal-proċeduri, it-trasparenza fir-rigward ta' deċiżjonijiet u r-rimedji f'każ li jqum ilment.

## Fatturi li jsaħħu l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-mertu u l-ekwità

Għall-mistoqsija dwar x'inhu meħtieġ biex jitħarsu l-prinċipji tal-mertu u l-ekwità fil-ħatriet u fid-dixxiplina, il-kelliema bdew billi stqarru li min jagħmel l-għażla tal-kandidati għal karigi fis-Servizz Pubbliku kemm-il darba jkollu pressjoni biex 'jimxi skont l-uċuħ', inkella hu stess iħalli l-fama jew il-preġudizzju personali jinfluwenzaw l-għażla. Ftit jew wisq, dan hu frott taċ-ċokon ta' Malta, kif ukoll tat-tradizzjoni paternalista tal-Istat.

Issemmew żewġ fatturi ewlenin li jgħinu fil-ħarsien tal-prinċipji tal-mertu u l-ekwità.

L-ewwel fattur jikkonsisti fl-integrità tal-proċessi f'kull stadju tar-reklutaġġ, promozzjonijiet jew passi dixxiplinarji. Irid jinżamm bilanċ fin bejn il-mertu tal-kandidat magħżul u l-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni; bejn il-ġustizzja għal bniedem wieħed u l-interess leġittimu tal-korp amministrattiv; bejn l-effiċjenza proċedurali u l-effettività tar-riżultat; bejn il-flessibbiltà u l-konsistenza. Biex dan il-bilanċ jinżamm, il-proċeduri għandhom jitfasslu bil-għaqal u jitħaddmu bir-reqqa, b'rispett sħiħ għar-regolamenti, u b'attenzjoni għal dak li tgħallem l-esperjenza. Ikun tajjeb li, kull tant żmien, issir evalwazzjoni tal-proċessi bi tweġiba għall-mistoqsija: "Qegħdin nimxu bl-istess riga?" Sabiex is-sistemi amministrattivi jagħtu riżultati tajbin u konsistenti, hu essenzjali li "Ħadd ma jitlaq għal rasu!"

It-tieni fattur jikkonsisti 'fl-integrità tal-uffiċjali' li jmexxu l-proċessi, fosthom id-direttorati tar-riżorsi umani u l-bordijiet tas-selezzjoni. Il-bordijiet tas-selezzjoni huma aġenti tal-Kummissjoni, għalhekk, l-ewwel lealtà tagħhom għandha tkun lejn il-Kummissjoni, il-valuri u r-regolamenti tagħha. Għalhekk ukoll, hu meħtieġ li ssir għażla tajba ta' min ikun membru fuq bordijiet tal-għażla jew tad-dixxiplina. L-għażla tal-membri għandha twieżen virtujiet bħall-onestà, il-ħeffa, l-intelliġenza u l-għaqal, in-nuqqas ta' biża' quddiem influwenzi li jmorru kontra l-mertu u l-ġustizzja, sens qawwi ta' responsabbiltà lejn il-Kummissjoni, id-dipartiment u l-kandidati. L-esperjenza tal-membri hija wkoll importanti. Kull min hu responsabbli għal eżerċizzju ta' reklutaġġ jew promozzjoni, inkella ta' każ dixxiplinarju, għandu/għandha jistaqsi/tistaqsi: "F'din l-għażla, qed inkun ġust/a?"

## Kif inbidel l-irwol tal-Kummissjoni issa li s-setgħat eżekuttivi għaddew lis-Servizz Pubbliku?

Hawnhekk il-kelliema semmew bidliet fin-natura tal-Kummissjoni, minħabba li ddelegat is-setgħat eżekuttivi ewlenin, kif ukoll il-konsegwenzi prattiċi ta' din il-bidla. Fil-bidu, il-Kummissjoni tfasslet fuq il-mudell 'klassiku', b'taħlita ta' setgħat eżekuttivi, oħrajn konsultattivi, u oħrajn ta' tribunal amministrattiv; illum xeddet il-libsa ta' istituzzjoni li tħares l-integrità.

Bis-saħħa ta' din il-bidla fin-natura tal-Kummissjoni, il-proċeduri eżekuttivi tħaffu. Hemm distinzjoni ċara bejn l-awtorità maniġerjali u dik ta' sorveljanza. B'konsultazzjoni mal-Kap tas-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni tfassal standards għall-proċeduri ta' reklutaġġ jew dixxiplinarji. Meta tisma' u twieżen appelli kontra deċiżjonijiet maniġerjali, l-iskrutinju tagħha sar aktar indipendenti. Billi nħelset minn

volum qawwi ta’ xogħol ta’ rutina, setgħet aktar tuża r-riżorsi tagħha biex tissorvelja l-operat u r-riżultati tas-sistemi li jkunu fis-seħħ.

Ta’ min jinnota li l-Kummissjoni żammet il-jedd li tirtira s-setgħat delegati fejn issib traskuraġni jew abbużi sistematiċi.

## X’għandu jkun il-ġejjieni tal-Kummissjoni?

Il-kelliema kollha nnutaw li l-Amministrazzjoni Pubblika dieħla fi żmien ta’ bidliet kbar imqanqlin minn sfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi, li huma kumplessi u bla preċedent. Mill-banda l-oħra, kemm l-isfidi fihom infushom, kif ukoll l-iżvilupp teknoloġiku qawwi joħolqu possibilitajiet u opportunitajiet daqstant kbar għall-Amministrazzjoni Pubblika.

Madankollu, il-ħtieġa tal-effiċjenza, l-effettività, l-imparzjalità u l-adattabilità amministrattiva ma tonqos qatt. Għalhekk, il-mertu u l-ekwità jibqgħu virtujiet amministrattivi fundamentali f’kull xenarju, quddiem kull sfida. Għalhekk ukoll, tibqa’ l-ħtieġa ta’ kustodju għal dawn il-virtujiet. Hawn tqum il-mistoqsija dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex ikollha ġuriżdizzjoni fuq l-elementi tas-settur pubbliku li mhumiex parti mis-Servizz Pubbliku.

Aktarx, mela, li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tibqa’ istituzzjoni ewlenija, għalkemm l-attitudni tal-uffiċjali pubbliċi u tal-politiċi lejn il-virtujiet amministrattivi u l-kustodju tagħhom jista’ jkun determinanti għall-ġejjieni tagħha. Bħal kull istituzzjoni Statali oħra, il-Kummissjoni teħtieġ għarfien wiesgħa dwar il-leġittimità tagħha.

Fid-dawl ta’ dan, għandha toqgħod attenta li żżomm ir-rispett kemm tas-Servizz Pubbliku u tal-politiċi, kif ukoll tal-pubbliku. Għandha tfittex ukoll li dan ir-rispett ikun frott tar-rettezza, il-konsistenza u t-trasparenza tagħha. Waqt li l-Kummissjoni għandha tħares l-awtonomija tagħha, daqstant ieħor għandha tagħraf il-komplimentarjetà bejn il-missjoni afdata lilha u l-missjoni tas-Servizz Pubbliku. Għalhekk, trid tkun disposta li tagħti sehem xieraq fl-iżvilupp ta’ inizjattivi maħsubin biex isaħħu l-ħila, l-integrità u l-motivazzjoni ta’ kull uffiċjal pubbliku, b’risq l-effettività amministrattiva.

The Public Service Commission
Level 2, Palazzo Spinola
Business Centre
46, St Christopher Street,
Valletta, VLT 1464
Malta

2122 2063/4
2247 8600

psc@gov.mt

https://psc.gov.mt/